

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Sistemi Ġudizzjarji Nazzjonali](#) > Poland

Sistemi ġudizzjarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Polonja

Polonja



Din it-taqsimha tagħtik deskrizzjoni ġenerali tas-sistema tal-qrati fil-Polonja.

Organizzazzjoni tal-ġustizzja – sistemi ġudizzjarji

Il-Kapitolu VIII tal-Kostituzzjoni Pollakka jitratta dwar il-qrati u t-tribunali, u jelenka l-awtoritajiet vestiti bl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fil-Polonja, jiġifieri:

- Il-Qorti Suprema (Sąd Najwyższy)
- Il-Qrati Komuni (sądy powszechne)
- Il-Qrati Amministrattivi (sądy administracyjne)
- Il-Qrati Militari (sądy wojskowe)

Amministrazzjoni tal-qrati

Tipi ta' qrati – deskrizzjoni fil-qosor

Is-sistema tal-qrati komuni tinkludi l-qrati tal-appell (sądy apelacyjne), provinċjali (sądy okręgowe) u distrettwali (sądy rejonowe). Dawn il-qrati jiddeċiedu, fost affarijiet oħrajn, kawżi dwar il-liġi kriminali, ċivili, tal-familja u tal-minorenni, il-liġi kummerċjali, il-liġijiet tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali – ħlief għall-każijiet li huma kompetenza ta' qrati speċjali oħrajn (eż., militari). Il-qrati komuni jżommu wkoll ir-reġistri tal-artijiet u tal-ipoteki kif ukoll ir-reġistru tal-pledges, ir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali u r-Reġistru Kriminali Nazzjonali.

Is-sistema tal-qrati amministrattivi tinkludi l-Qorti Amministrattiva Għolja (Naczelny Sąd Administracyjny) u l-qrati amministrattivi reġjonali – waħda għal kull provinċja (województwie sądy administracyjne).

Il-Qorti Suprema (Sąd Najwyższy) hija l-ogħla awtorità ġudizzjarja fil-Polonja. Hija teżerċita s-superviżjoni ġudizzjarja fuq id-deċiżjonijiet tal-qrati l-oħrajn kollha, u tiżgura l-konsistenza fl-interpretazzjoni tal-liġijiet u l-prassi ġudizzjarja. Il-Qorti Suprema mhijiex qorti komuni.

Fis-sistema legali Pollakka, it-Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny) ma jitqiesx bħala qorti komuni. It-Tribunal Kostituzzjonali jaġġudika:

- Dwar il-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali
- Dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ma' ftehimiet internazzjonali, li r-ratifika tagħhom hija meħtieġa qabel l-approvazzjoni mill-Parlament
- Dwar il-konformità mal-Kostituzzjoni ta' regolamenti legali maħruġa minn awtoritajiet ċentrali tal-istat, ftehimiet internazzjonali rratifikati u Atti leġiżlattivi.
- Dwar il-kostituzzjonalità tal-għanijiet jew l-attivitajiet tal-partiti politiċi
- Dwar ilmenti kostituzzjonali.

It-Tribunal tal-Istat (Trybunał Stanu) jaġġudika każijiet li fihom il-persuni li jokkupaw (jew li okkupaw) l-ogħla pożizzjonijiet fl-istat huma mixlija bi ksur tal-Kostituzzjoni jew Atti oħrajn leġiżlattivi.

Ġerarkija ta' qrati

- Qrati distrettwali (sądy rejonowe) – ġeneralment tal-ewwel istanza
- Provinċjali (sądy okręgowe) – appell jew l-ewwel istanza f'xi każijiet
- Appell (sądy apelacyjne) – appell
- Il-Qorti Suprema – l-ogħla awtorità ġudizzjarja.

Bażijiet tad-dejta legali

Tista' ssib *links* għall-informazzjoni dwar il-qrati komuni kollha, is-siti elettroniċi tagħhom u d-dettalji tal-kuntatt tagħhom (indirizzi, numri tat-telefon, e-mails eċċ.) fuq is-sit elettroniku tal-[Ministeru tal-Ġustizzja Pollakk](#) ([informazzjoni dwar il-qrati](#)).

L-aħħar aġġornament: 28/08/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.